**32. Il-Ministru tal-Finanzi l-Onor. George Bonello DuPuis, jipproponi:**

Billi huwa provdut fl-artikolu 3 tal-Att tal-1952 dwar il-Bills tat-Teżor ta' Malta li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', kull meta jkun awtorizzat għal hekk b'Riżoluzzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti, jikseb flus ta' ammont mhux aktar minn dak speċifikat f'dik ir-Riżoluzzjoni permezz tal-ħruġ ta' Bills skont l-imsemmi Att;

U billi huwa espedjenti li jiġi miksub ammont ta' mhux iżjed minn għoxrin miljun lira Maltija;

Issa, għalhekk, jiġi riżolut u qiegħed jiġi b'din riżolut li l-Ministru tal-Finanzi jiġi awtorizzat li jikseb flus għal ammont ta' mhux iżjed minn għoxrin miljun lira Maltija permezz tal-ħruġ ta' Bills tat-Teżor u skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att tal-1952 dwar il-Bills tat-Teżor ta' Malta.

21.10.1987